## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

Comment [IC1]: Page: 1

## SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA, 12 TA' SETTEMBRU, 2001

**Numru: 7**

**Avviz Nru: 528/01AE**

Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta estera ta' The Performing Rights Society Limited ta' Londra

vs

N & M Trading Limited

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlieta u disghajn lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (Lm93.32) hlas ghal Royalty u Taxxa fuq il-Valur Mizjud fir-rigward tal-istabillimet Mohan's ghall-perjodu mis-6 ta' Dicembru 20000 sal-5 ta' Dicembru 2001.

Semgha bil-gurament lir-rapprezentant tas-socjeta attrici tikkonferma li l-ammont pretiz ghadu dovut.

Illi s-socjeta konvenuta debitament notifikata ma deherix fis-seduta tal-5 ta' Settembru 2001 u lanqas fis-seduta tal-lum, kif ukoll ma pprezentatx risposta.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jiddecidi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlieta u disghajn lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (Lm93.32), dovuta ghar-ragunijiet premessi, flimkien ma' l-imghax mis-6 ta' Dicembru 2000.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mis-socjeta konvenuta skond dak li jiddisponi l-Artikolu 10 tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**